MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 848/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Yousef Alftisi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 t'April 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erba' mija hamsa u tletin Liri Maltin disgha u disghin centezmi (Lm435.99), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21456351, skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi ma' l-Avviz Dok. A u Dok. B.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha issir il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija hamsa u tletin Liri Maltin disgha u disghin centezmi (Lm435.99), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------